Minuti tal-Laqgħa Nru 2 (wieħed) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju, 2019, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Anthony Valvo ippresedja l-laqgħa.

**2.1. Item Nru 2.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

2.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.59pm u kulħadd kien preżenti

**2.2. Item Nru. 2.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

2.2.1. Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**2.3 Item Nru. 2.3 fuq l-Aġenda -** Responjsabilitajiet assenjati lill-Kunsilliera;

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

2.3 Is-Sindku s-Sur Neil Attard tkellem fuq ir-responsabiltajiet tal-Kunsilliera u Dekasteri u għadda r-responsabiltajiet.

**2.4 Item Nru 2.4 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku**

2.4.1 Is-Sur Neil Attard qal li tkellimna mal-Koptasin u ha jtuna stima ta' sinjali tat-toroq, is-*centre lines.* L-aktar postijiet li tkellimna dwarhom huma Dawret ix-Xatt, Triq il-Fortizza tal-Grazzja u Triq l-Ispnott. Għal-laqgħa li jmiss niddiskutu din l-istima.

2.4.2 Is-Sur Attard qal li bħalissa max-Xgħajra għandna bżonn naqtgħu ħafna ħaxix u għalhekk talab biex inġibu stimi biex jinqata' x-Xgħajra kollha dawra kif suppost. Il-Kunsill ra dawn l-istimi u aċċetta unanimament li tintgħażel l-orħos waħda ta' David Grech.

2.4.3 Is-Sindku qal li għandna bżonn nagħmlu numru ta' bollard u U-Bars fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja kantuniera ma' Triq it-Tumbrell kif ukoll Triq l-Awrat. Imbgħad hemm bżonn U-Bars f' Dawret ix-Xatt mal-Bus Shelter Xgħajra.

2.4.4 Is-Sur Attard qal li qed jiġi pjanat biex tittella l-attivita tal-Ġostra fejn ser ikollna fondi mil-Ministeru tat-Turiżmu. Din l-attivita ser ikun jisimha Xtajta Tlellex fejn fiha apparti l-Gostra Tradizzjonali ser ikun hemm mużika, divertiment b'talent lokali kif ukoll ikel u xorb.

Il-Kunsill kull mhu ser joħroġ spejjeż huwa l-Ambulanza, Pulizija, Mobile Toilets u tindif.

2.4.5 Is-Sur Neil Attard qal li bħalissa qed ikollna problema kbira ta' parkeġġ bl-addoċċ kif ukoll gabbana li qed tarma bla permess mil-Kunsill fejn in-naħa tal-milord. Is-Sindku qiegħed f'kuntatt kontinwu mal-Pulizija biex tittieħed azzjoni mil-aktar fis.

2.4.6 Is-Sindku qal li għandan problema kbira ta' skart li qed jinħareġ illegalment mhux fil-ħin jew mhux fil-ġurnata li suppost jinħareġ. Għalhekk talab l-appoġġ tal-Kunsilliera biex jinġiebu stimi ta' sistemi ta' CCTV sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu moniterjati kif ukoll isir infurzar fuqhom. Kulħadd qabel ma' dan.

Is-Sur Attard qal li waħda minnhom żgur tista titwaħħal fejn il-Knisja u oħra fejn iż-żellieqa għalhekk naraw il-possibilta li jkunu wkoll bis-solar.

2.4.7 Is-Sur Attard tkellem fuq it-talba ta' No Objection li jinbidel it-traffic managemet ta' Triq San Leonardu, Triq Dwardu Ellul u Triq Alof De Wignacourt minħabba l-

permess tas-Sur Kenneth Pullicino li ser jinbena maħżen fi Triq San Leonardu. Il-Kunsill wara li ra id-dettalji qabel u ma jsibx oġġezzjoni jekk dan it-tibdil isir fuq bażi temporanja għal 6 xhur.

**2.5 Item Nru. 2.5 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

2.5.1 Is-Sinjorina Rosabelle Pulis staqsiet jekk tistax issir Zebra Crossing f' Dawret ix-Xatt bejn Triq Frans Minuti u Triq ic-Cern. Is-Segretarju qal li ser nibgħatu t-talba Transport Malta mas-sezzjoni tat-Traffic Management.

2.5.2 Is-Sinjorina Pulis staqsiet ukoll jekk Triq Karmelo Ritchie nistgħu inżidu parkeġġ in-naħa tal-istage minħabba li hemm problema u jidher li hemm biċċa fejn nistgħu nieħdu mil-ħamrija. Is-Segretarju qal li niċċekkjaw fuqha u nieħu parir ta' perit u tal-Heritage.

2.5.3 Is-Sur Camilleri staqsa jekk jistgħux isiru żewġ sleeping police waħda n-naħa t' isfel ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja u oħra fi Triq Orlando. Is-Segretarju qal li irridu nagħmlu t-talba lil TM ukoll.

2.5.4 Is-Sinjura Doris Borg stqasiet jekk tistax titneħħa rampa li hemm żejda fi Sqaq Alessi n-naħa ta' Triq San Leonardu.

**2.6 Item Nru. 2.6 fuq l-Aġenda – Rapporti**

2.6.1 Ma kienx hemm rapporti bil-miktub.

**2.7 Item Nru. 2.7 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

2.7.1 Ma kienx hemm items oħra

**2.8 Item Nru. 2.8 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

2.8.1 Pagamenti b'numru 1 ġew approvati unanimament.

**2.9 Item Nru. 2.9 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

IX-XGĦAJRA

2.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**2.10 Item Nru. 2.10 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

2.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.48pm

Aġġornament għal-nhar il-Ħamis 1 ta' Awwissu, 2019 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt